MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Citazzjoni Numru. 615/1986/1

Carmelo Zammit u b'digriet tal-4 ta' Gunju 1996 Anthony Zammit assuma l-atti tal-kawza minflok Carmelo Zammit, missieru li miet fil-mori tal-kawza
vs
Bartolomeo Xuereb

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ippremetta:

Illi l-attur kellu in proprjeta` l-artijiet imsejha "Tal-Hamrija", fil-limiti tan-Naxxar, kuntrada ta' Triq il-Gdida jisimha Vjal il-Wiehed u Ghoxrin ta' Settembru tal-kejl komplessiv ta' cirka tlieta u ghoxrin tomna u nofs (23½ tumuli).

Illi l-konvenut kellu u ghad ghandu proprjeta` limitrofa u kien jippretendi li kellu dritt ta' passagg mill-proprjeta` tieghu ghal fuq il-proprjeta` tal-istanti, u ghal dan l-iskop fetah bieb.

Illi din il-prestensjoni tal-konvenut giet rikonoxxuta b'sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-13 ta' Jannar 1986 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Zammit versus Bartolomeo Xuereb**" numru 1110/75.

Illi fil-frattemp l-attur qasam fi tnejn u tmenin (82) *plots* u biegh u ttrasferixxa l-proprjeta` tieghu kollha lil terzi hlief *plot* wahda biss kif jirrizulta mill-pjanta Dok A prezentata mac-citazzjoni u waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-art li fuqha l-konvenut kien jippretendi li ghandu dritt ta' passagg fuqha ma ghadiex tezisti fil-konfigurazzjoni originali taghha ghaliex giet internament mibnija u llum il-passagg m'ghadux jezisti fizikament u huwa materjalment impossibbli li wiehed jezercita dritt ta' passagg.

Illi mal-proprjeta` tal-konvenut infethu triqat pubblici li jaghtu access dirett ghall-istess proprjeta`.

Illi ghalhekk avveraw il-fatti li jaghtu lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjoniojiet kontenuti fl-artikoli 486 u 516 (1) tal-Kodici Civili.

Illi l-konvenut ghall-ezercizzju tal-passagg minnu pretiz ma kien ihallas xejn u l-istanti qatt ma rcieva minghandu indenniz.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-passagg fuq indikat m'ghadux mehtieg.

2. Tiddeciedi li spicca d-dritt ta' passagg tal-konvenut; u

3. Konsegwentement li l-bieb li fetah il-konvenut ghall-ezercizzju ta' dak id-dirtt ghandu jigi minnu maghluq fi zmien qasir u perentorju iffissat minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-attur jaghlqu huwa a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu, 1986, il-konvenut gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Preliminarjament, illi ghall-istanza attrici josta l-gudikat peress li l-materja '*in issue*' f'din il-kawza giet diskussa u deciza b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Jannar 1986 fil-kawza fl-ismijiet "**Carmelo Zammit vs Bartolomeo Xuereb**", Citazzjoni numru 1110/75JH;

2. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal aktar 'il fuq, il-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress li dak li hu sejjah bhala "passagg" hu fil-fatt sqaq pubbliku u ma hemm ebda bieb li jaghti ghall-proprjeta` ta' l-attur li gie miftuh mill-konvenut.

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri u b'riserva favur il-konvenut ghad-danni li sofra minhabba l-agir tal-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-digriet tat-13 ta’ Mejju 1987 li permezz tieghu il-Qorti innominat lil Dr. Mark Chetcuti bhala Perit Legali.

Rat id-digriet tal-11 ta’ Frar 1997 li permezz tieghu il-Qorti innominat lil Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali biex tissostitwixxi lil Dr. Mark Chetcuti.

Rat id-digriet tal-4 ta’ Ottubru 2006 li permezz tieghu il-Qorti innominat lil Dr. Vincent Galea bhala Perit Legali biex jissostitwixxi lil Dr. Edwina Grima.

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit David Pace fejn semma li:
1. Huwa gie nominat fid-9 ta’ Novembru 1995 sabiex jassisti lill-Perit Legali nominata f’dak iz-zmien, l-Avukat Dr. Edwina Chetcuti.

2. Huwa zamm access fuq il-post, flimkien mal-istess Perit Legali fis-7 ta’ Dicembru 1995, sabiex jaghmel il-konstatazzjonijiet tieghu.

3. Wara illi nghalaq l-istadju tal-gbir ta’ provi mill-Perit Legali, huwa ghadda sabiex jirrelata kif gej:

4. Il-punt tat-tluq huwa s-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fit-13 ta’ Jannar 1986 fil-kawza fl-istess ismijiet Cit. Nru. 1110/75, fejn gie deciz definitivament illi kien hemm passagg pubbliku bejn il-proprjeta` tal-konvenut Xuereb u dik tal-attur Zammit.

5. Stabbilit dan, wiehed irid jara x’drittijiet jistghu jkollhom il-partijiet bhala rizultat ta’ dan l-istat ta’ fatt.

6. Kif stabbilit mis-sentenza precitata, iz-zewg partijiet ghandhom proprjeta` li tiffaccja fuq dan il-passagg pubbliku. Ghalhekk mhuwiex il-kaz illi l-konvenut ghandu biss dritt ta’ passagg fuq dina l-art izda ghandu dritt ukoll *qua* komproprjetarju ta’ bini li jiffaccja fuq il-passagg. Id-drttijiet tal-konvenut u tal-attur huma indaqs.

7. Isegwi ghalhelkk illi l-attur ma jistax jimponi l-gheluq tal-passagg minhabba li allegatament ma ghadx hemm uzu ghalih ghaliex il-konvenut ghandu sehem

indaqs tal-uzu tieghu. Jekk, ghall-grazzja tal-argument, iz-zewg partijiet (u mhux l-attur biss) jaqblu li ma ghadx hemm uzu ghall-passagg u li dana ghandu jispicca, il-passagg dejjem soggett ghal kwalunkwe interess li jista' jkollu l-Gvern, jinqasam ugwalment bejn iz-zewg komproprjetarji billi l-passagg jigi diviz matul il-linja medjana tieghu, b'kull parti tiehu l-bicca li tmiss mal-proprjeta` taghha. Dan huwa ghal kollox differenti minn dak illi qieghed jitlob l-attur f'dina l-kawza.

8. Kif johrog mill-provi kif ukoll mill-konstatazzjonijiet maghmula mill-esponent fl-access illi kien inzamm, il-parti tal-passagg li tigi wara l-bini tal-konvenut hija miftuha b'access liberu mit-triq illi tidhol minn Vjal XXI ta' Settembru. Aktar 'il gewwa pero` l-passagg jinsab imbarrat bl'izvilupp ta' bini li jiffronteggja fuq Triq l-Imhalla (vide *site plan* immarkat bl-ahmar bin-numru '40' fil-process, akkompanjanti l-affidavit tal-Perit Drago), u li n-naha ta' wara tieghu qieghed jokkupa l-art fejn qabel kien il-passagg.

9. Pero` ghalkemm l-access lejn in-naha ta' gewwa jinsab maghluq, il-parti li ghadha miftuha tintuza ghaliex hemm il-bieb illi jaghti ghall-proprjeta` tal-konvenut, u ghalhekk il-passagg iservi ta' access ghall-bini tal-konvenut minn dan il-bieb.

10. Ghaldaqstant hija l-opinjoni tal-esponent illi ladarba l-art retrostanti l-bini tal-konvenut gie rikonoxxut definittivament bhala passagg pubbliku permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell precitata, l-attur ma jistax jivvanta xi pretensjoni ta' sid dominanti biex il-passagg jinghalaq u jigi inkorporat mal-proprjeta` tieghu ghaliex l-art m'hijiex tiehu izda se mai huwa jista' jkollu dritt ghal nofsu jekk ikun hemm ic-cirkostanzi illi ddeskriva l-esponent aktar qabel."

Rat ir-Relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea innominat bħala Perit Legali f'din il-kawża b'digriet mogħti nhar l-4 ta' Ottubru, 2006 fejn semma:
"10. Illi għalhekk jirriżulta illi għalkemm fil-bidu l-kawża ġiet stradata sabiex tiġi deċiża l-eċċezzjoni tal-ġudikat l-

ewwel u qabel ma dina l-Onorabbli Qorti tidħol fil-mertu tal-kawża, effettivament dak illi ġara huwa li dina l-kawża mxiet mal-kawża l-oħra fl-ismijiet inversi u biċ-ċitazzjoni bin-numru 862/1986/CFS u li għalhekk l-esponenti sejjer jikkunsidra l-provi kollha prodotti u l-eċċezzjonijiet kollha sollevati…..

**V. Kunsiderazzjonijiet legali dwar l-eċċezzjoni tal-ġudikat**

38. Illi għandu jingħad illi skond l-artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għandha dejjem tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ġġib in-nullità tas-sentenza (ara s-sentenza fl-ismijiet **Paolo Azzopardi v. Paolo Abela noe**, App. Kumm., deċiża nhar l-10 ta' Diċembru, 1954).

39. Illi kif ġjà ġie rilevat jidher illi l-intenzjoni fil-bidu ta' dina l-kawża kienet illi tingħata sentenza preliminari fuq din l-eċċezzjoni madanakollu dan ma sarx u issa d-deċiżjoni dwar din l-eċċezzjoni trid tingħata flimkien mas-sentenza fuq il-mertu permezz ta' kap separat.

40. Illi fis-sentenza **Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et** deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Marzu, 2003, ingħad illi: "*Eċċezzjoni bħal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt iżda hija waħda ta' natura prettament ġuridika. Huwa importanti però, u għandu jinżamm dejjem in mira, illi l-prinċipji legali involuti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in materja iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tas-sentenza preċedenti...*"

41. Ingħad ukoll, u l-ġurisprudenza tgħallem illi tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni oħra tiġi ribadita l-enunċjazzjoni kaptata mid-deċiżjoni fl-ismijiet **Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et**, Appell Kummerċ, deċiż nhar il-5 ta' Novembru, 1934 u dana fis-sens illi l-"*exceptio rei judicatae*" għandha bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll għaliex "*interest rei pubblicae ut sit finis*

*litiu*". Sentenza illi għaddiet in ġudikat, jiġifieri ma tistax tappella minnha iżjed, hija miżmuma tajba u sewwa u tal-ħaqq – "*res judicata pro veritate habetur*" – jiġifieri l-fundament ta' l-"*actio*" u ta' l-"*exceptio judicat*" hija preskrizzjoni legali u għalhekk hija ta' "*strictissimae interpretationis*".

42. Illi mbagħad fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et** deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Settembru, 2003, ġie riaffermat illi: "*Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex dan iseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (eadem res), l-istess partijiet (eadem personae) u l-istess mertu (eadem kawża petendi). Huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (nisi omnia concurrunt, alia res est)*."

43. Illi ġie mgħallem ukoll illi l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares ic-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilità ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilità ta' kwistjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. Minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tkun ta' interpretazzjoni stretta, tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni (**Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan et**, Appell Kummerċ, deċiż nhar il-5 ta' Novembru, 1934).

44. Illi min-naħa l-oħra dan il-prinċipju huwa bilanċjat b'dak ieħor daqstant importanti li, fejn kwistjoni li tkun ġiet definita u trattata, is-sentenza issir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfemata; jew jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien illi tippreskrivi l-liġi, ma ssir l-ebda proċedura oħra li tattakka dik is-sentenza. Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwestjoni li dwarha

tinfetaħ it-tieni kawża jkun diġà jeżisti fil-waqt illi tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża.

45. Illi għalhekk isegwi li l-eċċezzjoni tal-ġudikat tintrabat ma' l-eżistenza ta' sentenza; il-kwistjoni hija jekk tintrabatx biss mal-parti dispożittiva tagħha (fil-kliem strettament użati mill-ġudikant fl-ewwel sentenza) jew inkella jekk tintrabatx ukoll mal-konsiderazzjonijiet jew motivazzjonijiet li jintagħmlu u li jwasslu għal dik is-sentenza; fuq dan il-punt ingħad diversi drabi li l-ġudikat isir japplika mhux biss dwar dak li jkun ġie espressament dibattut fil-kawża li s-sentenza tagħha titqiegħed bħala l-bażi ta' l-eċċezzjoni tal-ġudikat, imma japplika wkoll dwar dak li messu jew seta' ġie diskuss u ma jkunx ġie diskuss mill-parti li kellha interess li tiddiskutih. Il-bidla jew differenza fil-motivi tal-*causa petendi* fit-tieni provvediment ma jġibx fix-xejn il-ġudikat.

46. Illi wkoll fis-sentenza suċċitata **Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et** deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Marzu, 2003, ingħad illi sakemm ma jkun hemm ebda deċiżjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx ġiet prekluża minn ebda deċizjoni definittiva mogħtija mill-ġudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deċiża, u ma jistax mill-parti l-oħra jingħad li għad-deċiżjoni josta l-ġudikat. Dan ifisser li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tiġi ammessa b'ċirkospezzjoni kbira; u dan aktar u aktar meta dik l-eċċezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bħal meta si tratta minn inċident proċesswali li jqum fil-kors tal-ġudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjaħ il-ġudikat, hemm bżonn li l-kwistjoni tkun ġiet "effettivament" deċiża bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setgħet tiġi deċiża.

47. Illi għal dak illi jirrigwarda l-element ta' l-"*eadem res*" ingħad illi din "*tinkorpora li l-oġġett mitlub fit-talba l-ġdida hu identiku għat-talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza li għaddiet in ġudikat*."[1]

[1] Ara s-sentenza fl-ismijiet Rabat Construction Limited v. Cutajar Construction Company Limited deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Jannar, 2002.

48. Illi l-bażi ta' dan ir-rekwiżit hija fis-sens illi sentenza li tikkostitwixxi ġudikat ma tistax timpedixxi talba ġdida milli tiġi proposta quddiem il-Qorti, jekk dik hi ntiża sabiex tottjeni xi ħaġa differenti għal dak li kien ipprova jitlob b'talba preċedenti li ġiet determinata minn sentenza. Minn dan isegwi illi anke jekk l-oġġett ta' talba ġdida hu simili għal ta' deċiżjoni preċedenti, din is-similarità mhix ostaklu għal talba ġdida għaliex l-effetti ta' sentenza li tkun għaddiet in ġudikat huma limitati għal dak li kienu issottomettew il-partijiet u għal dak li jkunu ddeċidew il-Qrati.

49. Illi għar-rigward tar-rekwiżit ta' l-*eadem causa petendi* din il-kondizzjoni tirrikjedi li "*the cause of the claim*" kontenuta fit-talba l-ġdida, tkun l-istess bħat-talba preċedenti u li ġiet deċiża minn sentenza li għaddiet in ġudikat. Il-Profesur Caruana Galizia f'"*Notes on Civil Law*" jispjega illi l-"*causa petendi*" hija "*the title on which the demand is based*". Illi għalhekk din hija t-titlu, ċjoè, il-fatt ġuridiku li fuqu d-dritt pretiż hu bbażat. Illi sabiex il-kundizzjoni ta' l-"*eadem causa petendi*" tirnexxi, irid jiġi ppruvat li l-kawżali kontenuta fit-talba l-ġdida hi fondata fuq l-istess fatt ġuridiku li kien jifforma l-bażi tat-talba preċedenti, li ġiet determinata b'sentenza li għaddiet in ġudikat.

50. Illi dwar l-element l-ieħor ta' l-"*eadem personae*" fis-sentenza fl-ismijiet **Innocenza Debattista et v. Giovanna Farrugia** deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-13 ta' Frar, 1958 u pubblikata f'Vol. XLII. Pt II. P. 917), il-Qorti qalet illi biex ikun hemm ġudikat, jeħtieġ li s-sentenza ta' qabel kienet ġiet maqtugħa f'kawża bejn l-istess persuni. Illi dan però ma jfissirx illi l-promoturi ta'l-istess proċedura setgħu jipproponu mill-ġdid kawża identika bl-inseriment ta' persuna tagħhom li ma kenitx verament neċessarja mill-aspett legali.

51. Illi applikati dawn il-prinċipji u enunċjazzjonijiet għall-fattispjeċe tal-każ odjern, l-esponenti jirrileva s-segwenti:

i. Illi mhuwiex kontestat illi s-sentenza msemmija mill-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni preliminari

tiegħu tal-ġudikat ossija s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ nhar it-13 ta' Jannar, 1986 fl-atti taċ-ċitazzjoni bin-numru 1110/1975 hija sentenza definittiva u illi għaddiet in ġudikat.

ii. Illi lanqas jirriżulta kkontestat illi l-partijiet kontendenti f'dik il-kawża huma l-istess partijiet kontendenti f'din il-kawża. Illi jirriżulta ill fil-mori ta' dina l-kawża miet l-attur Carmelo Zammit iżda l-atti ġew assunti mill-*aventi causa* tiegħu u għalhekk l-esponenti huwa soddisfatt illi jirrikorri r-rekwiżit ta' l-"*eadem personae*".

52. Illi l-esponenti jissottometti wkoll illi l-"*eadem res*" u l-"*eadem causa petendi*" huma l-istess fiż-żewġ kawżi, dik biċ-ċitazzjoni bin-numru 1110/1975/JH u dik odjerna. Dana peress illi huwa ċar illi fil-kawża preċedenti l-attur kien qiegħed jivvanta d-dritt illi l-passaġġ jew sqaq in kwistjoni kien proprjetà tiegħu u illi għalhekk il-bieb miftuħ mill-konvenut kellu jingħalaq u bl-istess mod fil-kawża odjerna, huwa impliċitu bil-mod illi hija redatta ċ-ċitazzjoni illi l-attur għadu qiegħed jippretendi illi l-proprjetà in kwistjoni hija tiegħu u illi semmai l-konvenut kellu dritt ta' passaġġ illi – skond l-attur spiċċa – u għalhekk qiegħed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, kif kien ġjà talab m'eżitu kontrih illi l-istess bieb jingħalaq.

53. Illi l-esponenti ma jistax ma jikkummentax illi f'din il-kawża jidher ċar illi l-attur qiegħed jipprova jikseb dak illi ma rnexxilux jikseb fl-ewwel kawża istitwita minnu u konsegwentament ġudizzju illi jmur kontra l-ġudizzju ġjà mogħti mill-Qrati u illi għadda in ġudikat.

54. Illi fil-kawża preċedenti, l-attur allega illi l-passaġġ jew sqaq in kwistjoni kien proprjetà tiegħu. Il-Qorti iddeċidiet il-kawża definittivament billi tgħid illi dan l-isqaq jew passaġġ huwa pubbliku. Dan l-istat ta' fatt ma jistax jitbiddel.

55. Illi għalhekk l-attur ma jistax javvanza it-talbiet minnu promossi f'din il-kawża fejn huwa sottointiż illi l-attur għadu jippretendi illi l-passaġġ mhuwiex pubbliku iżda privat. Dan jirriżulta wkoll mill-provi mressqa mill-istess

attur, per eżempju, ix-xhieda tal-Perit Godwin Drago. Dan ix-xhud jipprova jispjega illi l-passaġġ in kwistjoni ma seta qatt kien pubbliku. Madanakollu, u bir-rispett kollu dovut, din mhijiex materja illi tista' terġa tinfetaħ ġjaladarba ġie deċiż definittivament illi l-passaġġ huwa wieħed pubbliku.

56. Illi l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili illi fuqhom l-attur jibbaża l-kawża tiegħu illum huma l-artikoli 449 u 479 (qabel artikoli 486 u 516 (1)). L-ewwel artikolu jippresupponi sitwazzjoni fejn ikun hemm <u>sid ta' fond servjenti illi minn fuq dan il-fond ikun hemm dritt ta' mgħodija</u>. Minn dan ukoll jidher illi l-attur għadu qiegħed jippretendi illi l-passaġġ huwa proprjetà privata tiegħu, u kulma kien hemm huwa dritt ta' passaġġ favur il-konvenut. Bir-rispett kollu, ġjà ġie stabbilit mill-Qrati illi l-passaġġ in kwistjoni huwa pubbliku u għalhekk huwa inawdit illi l-attur jerġa jressaq l-istess kawża bl-istess skop taħt vesti oħra.

57. Illi barra minn dana kollu jirriżulta bl-aktar mod evidenti illi t-tieni u t-tielet talbiet fil-kawża preċedenti huma simili jekk mhux saħansitra identiċi għat-tielet talba fil-kawża odjerna u illi għalhekk huwa wkoll evidenti illi l-azzjoni odjerna hija immirata sabiex tikseb l-istess riżultat illi l-attur ittenta jikseb fil-kawża preċedenti.

58. Illi l-esponenti jirrileva li ma hemm l-ebda differenza bejn dak illi ġie allegat u mitlub fil-kawża preċedenti u dak allegat u mitlub f'dina l-kawża u għalhekk jissottometti illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat. Fi kwalunkwe każ, l-esponenti jissottometti illi fl-agħar ipotesi għandu japplika l-prinċipju illi anke kieku l-mertu tal-każ odjern huwa distint mill-mertu tal-kawża ta' qabel, ħaġa illi l-esponenti jħoss illi mhijiex il-każ, jekk il-mertu jifforma parti mill-istess ħaġa u jekk il-punt kontrovers huwa l-istess, xorta hemm lok illi tintlaqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat u b'hekk ma jistax l-attur permezz ta' din il-kawża jiftaħ it-trattazzjoni ta' l-istess punti fl-istess kwistjoni illi ġjà ġew diskussi bis-sentenza illi għaddiet in ġudikat.

59. Illi jidher illi permezz tal-kawża odjerna l-attur kien intiż illi jottjeni l-istess ħaġa illi ma rnexxilux jottjeni fil-kawża

preċedenti u għalhekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat sollevata mill-konvenut hija ġustifikata.

60. Illi kieku jrid l-esponenti jista' jieqaf hawn; madanakollu huwa sejjer jgħaddi sabiex jeżamina jekk, fil-mertu, it-talbiet attriċi humiex ġustifikati, minkejja illi huwa tal-fehma illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat.

**<u>VI. Kunsiderazzjonijiet legali dwar il-mertu tal-kawża</u>**

61. Illi f'din il-parti l-esponenti sejjer iqis it-talbiet ta' l-attur fil-mertu.

62. Illi f'dan ir-rigward, il-punt tat-tluq għandha tkun dejjem is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' nhar it-13 ta' Jannar, 1986, fejn ġie stabbilit illi dik il-parti tal-passaġġ fejn il-konvenut fetaħ bieb hija parti minn passaġġ pubbliku.

63. Illi għalhekk mhuwiex minnu dak allegat mill-attur fit-tieni u t-tielet premessa taċ-ċitazzjoni tiegħu ossija illi dik is-sentenza irrikonoxxiet favur il-konvenut dritt ta' passaġġ. Dik is-sentenza irrikonoxxiet illi l-passaġġ huwa wieħed pubbliku.

64. Illi dwar dan is-sejbien ma jistax ikun hemm argumentazzjoni.

65. Illi ċ-ċitazzjoni u t-talbiet ta' l-attur huma bbażati fuq l-artikoli 449 u 479 tal-Kodiċi Ċivili, artikoli illi għandhom x'jaqsmu ma' servitù u illi għalhekk jippresupponu l-eżistenza ta' fond dominant u fond servjenti. Huwa impliċitu illi l-attur f'din il-kawża qiegħed jippretendi illi l-fond tiegħu huwa dak servjenti għax soġġettat għal dritt ta' passaġġ favur terzi, il-konvenut, iżda jippretendi illi dan il-passaġġ ma għadux meħtieġ u spiċċa.

66. Illi dina l-bażi hija fallaċi u fil-mertu ma treġix peress illi l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ġjà iddeterminat illi l-passaġġ huwa pubbliku u għalhekk ma jistax l-attur f'din il-

kawża jinvoka l-artikoli minnu invokati u dana għas-sempliċi raġuni illi dawn l-artikoli ma japplikawx għall-fattispjeċe tal-każ odjern. Ma japplikawx għaliex l-attur mhuwiex is-sid tal-passaġġ iżda dak il-passaġġ huwa pubbliku.

67. Illi l-esponenti jaqbel perfettament mal-konklużjoni tal-Perit Tekniku, il-Perit David Pace fis-sens illi *ladarba l-art retrostanti il-bini tal-konvenut ġie rikonoxxut definitivament bħala passaġġ pubbliku permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell preċitata, l-attur ma jistax jivvanta xi pretenzjoni ta sid dominanti: biex il-passaġġ jingħalaq u jiġi inkorporat mal-proprjeta tiegħu għaliex l-art m'hijiex tieħu iżda se mai huwa jista' jkollu dritt għal nofshu jekk ikun hemm iċ-ċirkkostanzi illi iddeskriva l-esponent aktar qabel*.

68. Illi għal dawn ir-raġunijiet ukoll, l-esponenti jissottometti illi l-eċċezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut għandha tiġi milqugħa u konsegwentament it-talbiet attriċi miċħuda."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi fl-1 ta' Novembru, 2010 [fol 178] l-konsulenti legali tal-partijiet iddikjaraw li joqghodu fuq l-atti tal-process kif inhuma kif ukoll jirrimettu ruhhom ghar-rapporti taz-zewg processi.

L-artikolu 730 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi li l-eċċezzjoni tar-*res judicata* għandha dejjem tiġi deċiża b'kap separat qabel jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu. Jekk dan ma jsirx din l-ommissjoni ġġib in-nullità tas-sentenza (ara s-sentenza fl-ismijiet **Paolo Azzopardi v. Paolo Abela *noe***, App. Kumm., deċiża nhar l-10 ta' Diċembru, 1954).

Issa l-"*exceptio rei judicatae*" għandha bħala fundament il-fatt ta' l-interess pubbliku, u wkoll għaliex "*interest rei pubblicae ut sit finis litiu*" **Francesco Aquilina v. Neg. Giuseppe Gasan *et***, Appell Kummerċ, deċiż nhar il-5 ta' Novembru, 1934.

Inoltre din l-eccezzjoni hija waħda ta' natura prettament ġuridika **Anthony Borg et v. Anthony Francis Willoughby et** deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti nhar it-28 ta' Marzu, 2003.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Cortis v. Francis X. Aquilina et** deċiża minn dina l-Qorti fil-25 ta' Settembru, 2003:
"Tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex dan iseħħ. Dawn l-elementi huma l-istess oġġett (*eadem res*), l-istess partijiet (*eadem personae*) u l-istess mertu (*eadem kawża petendi*)."

Issa jirrizulta car li s-sentenza msemmija mill-konvenut fl-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu u cioe` dik mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ nhar it-13 ta' Jannar, 1986 fl-atti taċ-ċitazzjoni bin-numru 1110/1975 hija sentenza definittiva u li għaddiet in ġudikat.

Ukoll il-partijiet kontendenti f'dik il-kawża huma l-istess partijiet kontendenti f'din il-kawża [ghalkemm fil-mori ta' dina l-kawża miet l-attur Carmelo Zammit iżda l-atti ġew assunti mill-*aventi causa* tiegħu] u għalhekk jirrikorri r-rekwiżit ta' l-"*eadem personae*".

Ukoll l-"*eadem res*" u l-"*eadem causa petendi*" huma l-istess fiż-żewġ kawżi, dik biċ-ċitazzjoni bin-numru 1110/1975JH u dik odjerna. Fil-kawża preċedenti l-attur kien qiegħed jivvanta d-dritt illi l-passaġġ jew sqaq in kwistjoni kien proprjetà tiegħu u li għalhekk il-bieb miftuħ mill-konvenut kellu jingħalaq u bl-istess mod fil-kawża odjerna, huwa impliċitu bil-mod illi hija redatta ċ-ċitazzjoni illi l-attur għadu qiegħed jippretendi illi l-proprjetà in kwistjoni hija tiegħu u li *semmai* l-konvenut kellu dritt ta' passaġġ illi – skond l-attur spiċċa.

Dan iwassal ghall-konkluzzjoni li għalhekk l-attur ma jistax javvanza t-talbiet minnu promossi f'din il-kawża fejn huwa sottointiż illi l-attur għadu jippretendi illi l-passaġġ mhuwiex pubbliku iżda privat.

"Illi l-artikoli tal-Kodiċi Ċivili illi fuqhom l-attur jibbaża l-kawża tiegħu illum huma l-artikoli 449 u 479 (qabel artikoli 486 u 516 (1)). L-ewwel artikolu jippresupponi sitwazzjoni fejn ikun hemm sid ta' fond servjenti illi minn fuq dan il-fond ikun hemm dritt ta' mgħodija. Minn dan ukoll jidher illi l-attur għadu qiegħed jippretendi li l-passaġġ huwa proprjetà privata tiegħu, u kulma kien hemm huwa dritt ta' passaġġ favur il-konvenut." Anke t-tieni u t-tielet talbiet fil-kawża preċedenti huma simili jekk mhux saħansitra identiċi.

Illi bhala kunsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-kawza jinghad li l-Qorti taqbel mall-konkluzjoni tal-Perit Legali li l-punt tat-tluq għandha tkun dejjem is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' nhar it-13 ta' Jannar, 1986. F'dik is-sentenza ġie deciz illi dik il-parti tal-passaġġ fejn il-konvenut fetaħ bieb hija parti minn **passaġġ pubbliku.** Illi għalhekk mhuwiex minnu dak allegat mill-attur fit-tieni u t-tielet premessa taċ-ċitazzjoni tiegħu ossija illi dik is-sentenza irrikonoxxiet favur il-konvenut dritt ta' passaġġ. Kuntrarjament dik is-sentenza irrikonoxxiet illi l-passaġġ huwa wieħed pubbliku. Kif rilevat mill-Perit legali c-citazzjoni u t-talbiet ta' l-attur huma bazati fuq l-artikoli 449 u 479 tal-Kodiċi Ċivili, artikoli li għandhom x'jaqsmu ma' servitù u li għalhekk jippresupponu l-eżistenza ta' fond dominant u fond servjenti. Izda l-Qorti tal-Kummerċ ġjà iddeterminat illi l-passaġġ huwa pubbliku u għalhekk ma jistax l-attur f'din il-kawża jinvoka l-artikoli minnu invokati u dana għas-sempliċi raġuni li dawn l-artikoli ma japplikawx għall-fattispece tal-każ odjern. Illi għal dawn ir-raġunijiet ukoll, l-eċċezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut għandha tiġi milqugħa u konsegwentament it-talbiet attriċi miċħuda.

## E. KONKLUZJONIJIET:

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tar-*res judicata* in vista tas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ nhar it-13 ta' Jannar, 1986 fl-istess ismijiet u bin-numru taċ-ċitazzjoni 1110/1975/JH,

Tilqa' wkoll l-eċċezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut billi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma kompletament

infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi dak illi huwa sejjaħ "passaġġ" huwa fil-fatt sqaq pubbliku kif rikonoxxut mill-imsemmija sentenza.

Konsegwentament it-talbiet attriċi qedghin jiġu miċħuda.

Spejjeż kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------